MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 173/2014

**A *sive* B C**

**vs**

**D *sive* E C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur A C li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:

1. Illi l-partijiet huma legalment separati minn xulxin sa minn Lulju 2004 u minn dan iz-zwieg kellhom tifel, Karl C, li l-kustodja fattwali tieghu baqghet tinqasam bejn il-partijiet.

2. Illi fit-23 ta'Awissu 2011 il-konvenuta fethet medjazzjoni sabiex temenda 1-modalita tal-access bejn l-esponent u ibnu (Ittra Nru 1052/11 GG). Ghal xi raguni mhux spjegabbli l-konvenuta fethet medjazzjoni ghall-istess ragunijiet fil-15 ta' Settembru 2011 (lttra numru 1136/11 GG).

3. Illi fil-mori tal-medjazzjonijiet, cioe tal-20 ta' Jannar 2012 il-konvenuta ipprezentat rikors fl-atti tal-Ittra ta' Medjazzjoni numru 1136/11GG fejn talbet in-nomina ta' Avukat tat-Tfal jew psikoterapista sabiex tisma’ lit-tifel minuri u thejji rapport relattiv taht kull provvediment iehor li l-Qorti joghgobha timponi.

4. Illi b'zewg digrieti moghtija f1-24 ta' Mejju 2012, din l-Onorabbli Qorti ordnat 1-eghluq tal-medjazzjonijiet fuq riferiti u awtorizzat lill-konvenuta sabiex tipprocedi fil-Qorti kontenzjus skont il-ligi, cioe fi zmien xahrejn.

5. Illi minkejja l-awtorizzazzjoni fuq imsemmija l-konvenuta, sal-24 ta' Lulju 2012 la pprocediet fil-kontenzjus u lanqas talbet estensjoni tat-terminu sabiex hekk tipprocedi.

6. Illi cio nonostante, il-konvenuta baqghet tintavola proceduri fuq ir-rikors taghha tal-20 ta' Jannar 2012 u din il-Qorti, b'digriet moghti fit-3 ta' Ottubru 2012 xorta wahda ghaddiet biex tinnomina lil Dr. Sharon Vella Camilleri sabiex taghmel rapport dwar il-minuri.

7. Illi fil-25 ta' Gunju 2013, cioe sena u xahar wara l-eghluq tal-medjazzjoni, 1-imsemmija psikoterapista Dr. Sharon Vella Camilleri pprezentat ir-rapport taghha u, abbazi tieghu, b'digriet iehor moghti fis-26 ta' Gunju 2013 din il-Qorti ordnat li l-attur jibda jara lil ibnu biss darba fil-gimgha ghal saghtejn u dan taht supervizjoni fl-Agenzija Appogg.

8. Illi l-attur ipprezenta zewg rikorsi fl-atti ta' dik il-medjazzjoni sija ghar-revoka contrario imperio tad-digriet moghti fis-26 ta' Gunju 2013 u sija sabiex il-Qorti tiddikjara li l-imsemmi digriet mhuwiex iktar ezegwibbli izda z-zewg rikorsi gew michuda.

9. Illi minkejja li l-konvenuta giet notifikata biz-zewg rikorsi tal-esponent, hija baqghet issostni li d-digrieti huma validi minkejja li sallum stess hi qatt ma pprocediet fil-Qorti kontenzjusa abbazi tal-awtorizzazzjoni moghtija fl-24 ta' Mejju 2012 li biha kienet inghalqet il-medjazzjoni fuq imsemmija.

10. Illi minhabba s-suespost, minkejja li d-digrieti kollha moghtija wara 1-24 ta' Lulju 2012 fl-atti tal-Ittra ta' Medjazzjoni Numru 1136/11GG huma nulli u bla effett, 1-esponent

ma jistax ikollu access ghal-ibnu minuri jekk mhux ghal saghtejn biss fil-gimgha u taht supervizjoni tal-Agenzija Appogg.

11. Illi l-esponent gie awtorizzat jipprocedi bl-istanza odjerna permezz ta' zewg digrieti moghtija fis-7 ta' Mejju 2014 u 8 ta' Lulju 2014 fl-atti tal-Ittra Nru. 261/14.

RAGUNI TAT-TALBA

1. Peress illi l-partijiet huma legalment separati minn xulxin sa minn Lulju 2004 u minn dan iz-zwieg kellhom tifel, Karl C, li l-kustodja fattwali tieghu baqghet tinqasam bejn il-partijiet.

2. Peress illi fis-sena 2011 il-konvenuta fethet zewg medjazzjonijiet kontemporanjament sabiex tvarja l-access tal-attur ghat-tifel minuri (Ittri ta' Medjazzjoni Nru. 1052/11GG u 1136/11GG).

3. Peress illi fil-mori tal-medjazzjonijiet, cioe f1-20 ta' Jannar 2012 il-konvenutaipprezentat rikors fl-atti tal-Ittra ta' Medjazzjoni numru 1136/11 GG fejn talbet in-nomina ta' Avukat tat-Tfal jew psikoterapista sabiex tisma lit-tifel minuri u thejji rapport relattiv taht kull provvediment iehor li l-Qorti joghgobha timponi.

4. Peress illi b'zewg digrieti moghtija fl-24 ta' Mejju 2012, din l-Onorabbli Qorti ordnat l-eghluq tal-medjazzjonijiet fuq riferiti u awtorizzat lill-konvenuta sabiex tipprocedi fil-Qorti kontenzjus skont il-ligi, cioe fi zmien xahrejn.

5. Peress illi minkejja l-awtorizzazzjoni fuq imsemmija l-konvenuta, sal-24 ta' Lulju 2012 la pprocediet fil-kontenzjus u lanqas talbet estensjoni tat-terminu sabiex hekk tipprocedi.

6. Peress illi cio nonostante, din il-Qorti, b'digriet moghti fit-3 ta' Ottubru 2012 xorta wahda ghaddiet biex tinnomina lil Dr. Sharon Vella Camilleri sabiex taghmel rapport dwar il-minuri - dan dejjem in konnessjoni mar-rikors tal-konvenuta odjerna li kien gie prezentat fl-20 ta' Jannar 2012.

7. Peress illi fil-25 ta' Gunju 2013, cioe sena u xahar wara l-eghluq tal-medjazzjoni, 1-imsemmija psikoterapista Dr. Sharon Vella Camilleri pprezentat ir-rapport taghha u b'digriet

iehor moghti fis-26 ta' Gunju 2013 din il-Qorti ordnat li l-attur jibda jara lil ibnu biss darba fil-gimgha ghal saghtejn u dan taht supervizjoni fl-Agenzija Appogg.

8. Peress illi l-attur ipprezenta zewg rikorsi fl-atti ta' dik il-medjazzjoni sija ghar-revoka contrario imperio tad-degriet moghti fis-26 ta' Gunju 2013 u sija sabiex il-Qorti tiddikjara li l-imsemmi digriet mhuwiex iktar ezegwibbli izda z-zewg rikorsi gew michuda.

9. Peress illi l-konvenuta sallum stess qatt ma pprocediet fil-Qorti kontenzjusa abbazi tal-awtorizzazzjoni moghtija fl-24 ta'Mejju 2012 li biha kienet inghalqet il-medjazzjoni fuq imsemmija.

10. Peress illi minhabba s-suespost, id-degrieti kollha moghtija wara 1-24 ta' Lulju 2012 fl-atti tal-Ittra ta' Medjazzjoni Numru 1136/11 GG ghandhom jigu dikjarati nulli u bla effett.

11. Peress illi l-attur gie awtorizzat jipprocedi bl-istanza odjerna permezz ta' zewg digrieti moghtija fis-7 ta' Mejju 2014 u 8 ta' Lulju 2014 fl-atti tal-Ittra Nru. 261/14.

TALBIET

Illi tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara nulli u bla effett:

(a) ld-digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fit-3 ta'Ottubru 2012 u fis-26 ta' Gunju 2013.

(b) Konsegwentement tiddikjara li l-access tal-attur ghat-tifel minuri Karl C ghandu jibqa kif kien qabel l-ghoti tal-imsemmija zewg digrieti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta D C li taqra kif gej:-

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrih.

2. Illi ghar-rigward ta' l-ewwel talba, d-digrieti citati u moghtija minn din l-Onorabbli Qorti huma validi u moghtija skond il-ligi.

3. Illi ghar-rigward tat-tieni talba, din l-Onorabbli Qorti ghandha tisma' lill-minuri Karl, li twieled fid-9 ta' Ottubru, 2000 u ghalhekk, ghalaq l-erbatax-il sena, dwar ix-xewqat tieghu dwar l-access ghal mar-rikorrenti u dan stante li c-cirkostanzi kif kienu qabel ma inghataw l-imsemmija digrieti tbiddlu minn kif inhuma llum. Dan il-Qorti tista' taghmlu anke bis-sahha ta' l-artikolu 149 tal-Kodici Civili. Jinghad biss, f'dan l-istadju, li r-rikorrenti ilu ma jara lill-minuri ibnu sa mit-8 ta' Lulju, 2013 (hlief f'okkazzjoni wahda meta inzertaw fit-triq) fejn it-tifel kien jidher bezghan minn missieru r-rikorrenti. Dan il-fatt, u cioe li r-rikorrenti ma huwiex jara lil ibnu hija ghazla libera tieghu l-ghaliex il-Qorti taghtu access ghal ibnu izda ghar-ragunijiet mhux spjegabbli huwa m'hux jezercita tali access ghal ibnu.

4. Salv twegibiet ulterjuri skont il-ligi.

Rat li fl-udjenza tal-5 ta' Novembru 2014 l-attur ipprezenta nota ta' cessjoni fir-rigward tat-tieni talba attrici u zamm ferm l-ewwel talba.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet ipprezentati mill-partijiet.

Rat l-atti tal-kawza kif ukoll tal-medjazzjoni numru 1052/11 u 1136/11.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

Permezz tal-kawza odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens illi digrieti moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-3 ta' Ottubru 2012 u fis-26 ta' Gunju 2013 huma nulli u bla effett peress li b'digriet moghtija antecedenti fl-24 ta' Mejju 2012 il-Qorti kienet gia' ordnat it-terminazzjoni tal-medjazzjoni u awtorizzat lill-konvenuta tipprocedi b'kawza fit-terminu legali ta' xahrejn.

Ma hux kontestat bejn il-partijiet li l-medjazzjoni inghalqet b'digriet tal-24 ta' Mejju 2012. Fejn il-partijiet ma jaqblux jirrigwarda jekk il-Qorti kelliex id-dritt li taghti digrieti fir-rigward ta' minuri una volta l-medjazzjoni kienet maghluqa u meta kienu iddekorrew aktar minn xahrejn mid-digriet li ttermina l-medjazzjoni u l-konvenuta baqghet ma pprezentatx kawza.

**Id-digriet tat-3 ta' Ottubru 2012** jaqra kif gej:-

*"Il-Qorti,*

*Rat ir-rikors tal-25 ta' Settembru 2012.*

*Tilqa' t-talba u tissostitwiha bl-istess inkarigu u fakultajiet b'Dr Sharon Vella Camilleri.*

*Il-Qorti tordna n-notifika ta' dan id-digriet (lil) Dr Sharon Vella Camilleri"*

**Id-digriet tas-26 ta' Gunju 2013** jaqra kif gej:-

*"Il-Qorti,*

*Rat ir-rikors tal-20 ta' Jannar 2012.*

*Rat id-digriet taghha precedenti.*

*Rat ir-risposta.*

*Rat ir-rapport ta' Dr Sharon Vella Camilleri tal-25 ta' Gunju 2013.*

*Tordna li ghalissa l-missier jara lil ibnu darba fil-gimgha taht supervizzjoni fl-Agenzija Appogg ghal saghtejn fil-gurnata u l-hinijiet kif taghzel l-istess Agenzija.*

*Il-Qorti tordna notifika ta' dan id-digriet lid-dirigenti tal-Agenzija Appogg."*

Jirrizulta li sa dakinhar li inghata l-ahhar digriet it-tifel kien imur ghall-access ma' missieru circa tlett darbiet fil-gimgha inkluz *sleep overs.* Mill-ghoti tal-ahhar digriet imsemmi fejn il-Qorti ordnat li l-access tal-missier ikun ta' gurnata fil-gimgha taht is-supervizzjoni tal-Agenzija Appogg, il-missier irrifjuta li jara lil ibnu taht supervizzjoni bil-konsegwenza li minn dakinhar sallum il-missier ma ezercita l-ebda access versu l-minuri. Dan l-aspett tal-vertenza ta' bejn il-partijiet ma hux il-mertu ta' din il-kawza izda huwa l-mertu ta' kawza ohra pendenti bejn l-istess partijiet u li qed tigi trattata quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Sussegwentement l-attur beda bl-azzjonijiet tieghu sabiex jitlob ir-revoka tad-digrieti imsemmija.

**Il-Vertenza Mertu tal-Kawza Odjerna**.

**Fatti**.

L-attur jilmenta illi meta l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) diversament presjeduta tat iz-zewg digrieti de quo fl-atti tal-medjazzjoni ta' bejn l-attur u l-konvenuta, f'dak l-istadju l-Qorti ma kelliex aktar il-poter li taghti dawn id-digrieti ghaliex il-medjazzjoni kienet giet terminata b'digriet tal-24 ta' Mejju 2012 u hadd mill-partijiet ma kien intavola kawza la dwar is-separazzjoni tal-partijiet u lanqas dwar il-kura, kustodja u access tal-minuri.

B'digriet moghti fl-udjenza tas-26 ta' Novembru 2014 din il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-medjazzjonijiet bin-numri 1136/11 u 1052/11. Minn dawn l-atti jirrizulta illi fis-7 ta' Lulju 2004 il-partijiet kienu resqu fuq kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ppubblikat min-Nutar Dottor Marco Farrugia fejn inter alia ftehmu illi l-kura u kustodja tal-minuri Karl, li dak iz-zmien kien ghad ghandu erba' snin, tkun wahda kongunta bejn iz-zewg genituri u qablu wkoll li "t-tifel ghandu jghix u jirrisjedi mal-partijiet skont kif jiftehmu huma minn zmien ghal zmien tenut kont tal-esigenzi u impenji tal-istess partijiet u tal-istess tifel". Sussegwentment, fit-12 ta' Settembru 2007, il-partijiet resqu fuq ftehim li permezz tieghu emendaw il-klawsola fil-kuntratt ta' separazzjoni li tirrigwarda l-access versu l-minuri.

Fis-sena 2011 D C pprezentat zewg ittri ta' medjazzjoni fuq il-pretest illi "l-mittenti trid li fl-ahjar interess tat-tifel minuri, l-access kif miftiehem jigi emendat u dan minhabba l-fatt li prezentement qeghdin jinqalghu diversi problemi bejn it-tifel minuri u l-missier." u gie nominat il-Medjatur tal-Familja Godwin Genovese. Fl-20 ta' Jannar 2012 D C pprezentat rikors fl-atti tal-medjazzjoni u talbet "**sabiex fl-ahjar interess tat-tifel minuri, tappunta Avukat tat-Tfal jew psikoterapista sabiex l-istess tisma' t-tifel minuri u thejji rapport relattiv u dan dejjem taht kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti toghgobha timponi**".

D C rriskontrat diversi diffikultajiet sabiex tinnotifika lil A C bir-rikors imsemmi. Jirrizulta sahansitra illi wara li r-rikors kien gie notifikat fl-indirizz fejn jirrisjedi missier A C, l-istess rikors kien gie ritornat fl-atti minn missier A C ghaliex iddikjara li A C ma kienx jirrisjedi fl-indirizz fejn l-atti gew notifikati. Eventwalment A C gie notifikat personalment f'indirizz iehor fit-18 ta' Mejju 2012 u pprezenta risposta fil-25 ta' Mejju 2012. B'digriet tat-30 ta' Mejju 2012 il-Qorti innominat lil David Grillo bhala espert psikoterapista. Fuq talba tal-istess David Grillo minhabba impediment legittimu, l-Qorti b'digriet tat-3 ta' Ottubru 2012 innominat minflok lil Dr Sharon Vella Camilleri li eventwalment ipprezentat ir-rapport taghha fil-25 ta' Gunju 2013.

Gara izda illi sakemm D C kienet ghaddejja bit-tentavi sabiex tinnotifika r-rikors taghha lil B C, l-Medjatur tal-Familja pprezenta nota fit-23 ta' Mejju 2012 li permezz taghha informa lill-Qorti illi wara diversi seduti ta' medjazzjoni mhux ser ikun possibbli li l-process jitkompla minhabba differenzi irrikonciljabbli.. Talab ghalhekk il-Medjatur tal-Familja li l-medjazzjoni tinghalaq liema talba giet milqugha b'digriet tal-24 ta' Mejju 2012 u l-Qorti awtorizzat lil D C tipprocedi b'kawza fit-terminu legali ta' xahrejn.

Dr Sharon Vella Camilleri pprezentat ir-rapport taghha fil-25 ta' Gunju 2013 u b'digriet tas-26 ta' Gunju 2013 il-Qorti ordnat li "***ghalissa l-missier jara lil ibnu darba fil-gimgha taht supervizzjoni fl-Agenzija Appogg ghal saghtejn fil-gurnata u l-hinijiet kif taghzel l-istess Agenzija"***

A C ipprezenta rikorsi fl-atti tal-medjazzjoni jitlob ir-revoka contrario imperio liema talbiet gew michuda.

D C baqghet ma pprezentatx kawza u fil-5 ta' Awissu 2014 A C intavola zewg kawzi kontra D C, wahda fil-mertu tal-kura, kustodja u access tal-minuri, li tinsab pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, u l-kawza li ghandha quddiemha din il-Qorti kif presjeduta.

Fil-kawza li ghandha quddiemha din il-Qorti A C qed isostni illi gialadarba l-Qorti kienet iddikjarat il-proceduri ta' medjazzjoni maghluqa b'digriet tal-24 ta' Mejju 2012, ma setghatx aktar tippronunzja u taghti digrieti, anke fuq rikorsi li kienu gia' pprezentati qabel ma' l-medjazzjoni giet maghluqa.

L-attur qed jikkontendi illi kull digriet li din il-Qorti diversament presjeduta tat fl-atti tal-medjazzjoni wara xahrejn mid-digriet tal-gheluq tal-medjazzjoni huwa null.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Ikkunsidrat;

In tema legali fir-rigward tad-drittijiet tal-minorenni l-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:-

1. Fi proceduri gudizzjarji li jincidu fuq id-drittijiet ta' minuri, il-Qrati taghna ghandhom setghat pjuttost wiesgha u flessibbli sabiex iharsu bl-ahjar mezz possibbli d-drittijiet tal-persuni taht l-eta' magguri. **Dan naturalment in omagg ghall-principju kardinali illi l-persuni l-aktar vulnerabbli fis-socjeta' ghandhom jircevu l-akbar protezzjoni possibbli mill-organi kollha tal-istat.** Ezempju tal-poteri wiesgha li ghandhom il-Qrati taghna fir-rigward tad-drittijiet tal-minorenni b'mod partikolari ghal dak li jirrigwarda l-access tal-genituri ghal uliedhom huwa l-**Artikolu 57 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta)** li jipprovdi illi:-

**Artikolu 57**.

***(1) Tkun min tkun il-persuna li f'idejha jiġu fdati l-ulied minuri tal-miżżewġin, il-miżżewġin jibqgħu fil-jedd li jaraw li kollox qiegħed isir sewwa għal dak li hu manteniment u edukazzjoni, u jibqgħu obbligati li joħorġu s-sehem li jmisshom għall-manteniment u l-edukazzjoni, skont il-liġi.***

***(2) Hu mħolli fid-dehen tal-qorti li tistabbilixxi, skont iċ- ċirkostanzi, iż-żmien, il-lok, u l-mod li fihom il-miżżewġin ikollhom aċċess għall-ulied.***

***(3) Il-qorti tista' tipprojbixxi għal kollox lill-missier jew lill-omm li jkollhom aċċess għall-ulied minuri tagħhom, meta dan jista' jkun ta' ħsara għall-ġid ta' l-istess minuri***.

Tajjeb wiehed jinnota illi l-artikolu appena citat ma juzax il-frazi “fid-diskrezzjoni tal-qorti” izda l-frazi “fid-dehen tal-qorti”. Din il-Qorti tifhem li tali frazi adoperata mil-Legislatur f’kamp daqstant delikat kienet motivata mill-hsieb illi fejn jidhlu d-drittijiet tat-tfal il-Qorti ghandha tuza d-diskrezzjoni bl-akbar kawtela u b’motivazzjonijiet oggettivament solidi. Il-Qorti Kostituzzjonali nostrana kellha l-okkazzjoni titratta lanjanza fir-rigward tad-dritt tal-genitur vis-à-vis l-access ta’ uliedu f’sentenza moghtija fis-27 ta’ Frar 2004 fl-ismijiet “**Lanouar Bounab pro et noe vs Avukat Generali et**” fejn iddikjarat illi:-

“Id-divjet impost mill-Qorti fis-sens li Lanouar Bounab ma jarax lil ibnu, certament jammonta ghall-indhil fil-hajja tal-familja tieghu. Dak li jrid jigi ezaminat pero’ hu jekk tali indhil hux gustifikat fit-termini tas-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 8 in disamina (Konvenzjoni). Ma hemmx dubbju li f’certi kazijiet fejn ikun hemm kunflitt ta’ interess bejn id-drittijiet tal-genituri u l-interessi tat-tfal, l-interessi ta’ dawn tal-ahhar ghandhom jipprevalu. Izda biex awtorita` pubblika, bhalma hi Qorti, tasal biex taqta’ jew tipprojbixxi kull kuntatt bejn missier u ibnu irid ikun hemm altru milli ragunijiet validissimi. Fi kliem iehor, mhux bizzejjed li jkun hemm xi ragunijiet li jiggustifikaw l-indil ta’ l-Istat, jew ta’ organu ta’ l-Istat, fil-hajja tal-familja ta’ dak li jkun; hu mehtieg li l-mizura ta’ indhil tkun proporzjonata ghan-necessita` li jigu tutelati l-interessi tal-minuri.

Fi kliem **Alastair Mowbray**: ‘The greater the restrictions placed upon the legal rights of natural parents vis a vis their children by public authorities, the more the Court will require of the State in terms of justification”[1] Fil-kaz in dizamina, il-Prim Awla li qed tisma’ l-kawza ta’ separazzjoni mhux semplicement irregolat l-access – kif kienet ghamlet qabel ma l-appellant kien qabad u ha lit-tifel l-Algerija – izda ipprojbit ghal kollox tali access. Kemm mir-risposta ta’ Karen Bounab tad-9 ta’ Mejju, 2003 (aktar ‘l fuq imsemmija) kif ukoll mid-deposizzjoni taghha quddiem il-Prim Awla f’din il-kawza (cioe` fil-kawza kostituzzjonali) (fol. 62 sa 76) hu evidenti li tnejn setghu kienu l-preokkupazzjonijiet tal-Qorti meta ghamlet iddivjet. Wahda hi l-possibilita` li Lanouar Bounab jerga’ jipprova jiehu t-tifel barra minn Malta, u l-ohra li kuntatt ma’ missieru jista’ jkun ta’ hsara psikologika ghall-istess minuri. Bid-dovut rigward kemm lejn il-Qorti li ordnat id-divjet ta’ kuntatt bejn l-appellant u ibnu kif ukoll lejn lewwel Qorti li ppronunzjat is-sentenza appellata, din il-Qorti ma tistax taqbel li kien hemm “relevant and sufficient reasons” li jiggustifikaw divjet totali ta’ access. Kwantu ghal-biza’ li l-appellant jerga’ jiehu t-tifel barra minn Malta din il-Qorti tifhem li hemm diversi modi kif dan jista’ jigi evitat bhal, per ezempju, **<u>billi jkun hemm access taht supervizjoni stretta u bil-modalitajiet kif tista’ tordna l-Prim Awla. Ghal dak li jirrigwarda t-trawma psikologika li talvolta jista’ jsofri Yousef jekk ikollu jerga’ jiltaqa’ ma missieru,</u>** (sottolinear ta’ din il-Qorti).

2. Meta si tratta ta’ drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-genituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-ahjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maggor parti tal-kazijiet li jitressqu ghad-decizzjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull decizzjoni immankabilment thalli effett duratur fuq il-hajja tal-minuri u fuq il-hajja ta’ dawk ta’ madwar il-minuri.

[1] **Cases and Materials on the European Convention on Human Rights** Butterworths (Lonbdon), 2001, p. 378.

Permezz tal-kawza odjerna l-Qorti qed tigi mitluba tiddikjara illi d-digrieti moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-3 ta' Ottubru 2012 u fis-26 ta' Gunju 2013 huma nulli u bla effett.

3. Gialadarba tali digrieti jincidu b'mod qawwi fuq id-drittijiet tal-minuri, din il-Qorti hi tal-fehma illi, filwaqt li l-mertu tal-unika talba attrici li ghandha quddiemha l-Qorti hu prettament u strettament ta' natura purament legali, **ma tistax il-Qorti taghti tali decizzjoni go vakuum minghajr l-ebda konsiderazzjoni ghal dawk li jistghu ikunu l-konsegwenzi, pozittivi jew negativi, fuq l-iben minuri tal-partijiet.**

4. Fis-sena 2004 tfaccat ghall-ewwel darba fil-kotba statutorji nostrani is-Sezzjoni tal-Familja fi hdan il-Qrati Civili, aktar maghrufa bhala 'L-Qorti tal-Familja". Dan l-izvilupp ma kienx biss wiehed fl-isem tal-Qorti izda introduca wkoll il-process tal-medjazzjoni bhala parti mill-process gudizzjarju fil-kawzi tal-familja gia' misjub f'diversi gurisdizzjonijiet taht diversi titoli fosthom: "court mandated mediation", "court annexed mediation" u "mandatory mediation". Kien ghalhekk li giet promulgata fost l-ohrajn is-**Ligi Sussidjarja 12.20** intitolata: **Regolamenti dwar il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali) u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja)** promulgati bis-sahha tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12). Dawn ir-regolamenti jipprovdu *inter alia* l-mezzi ghad-disposizzjoni tal-partijiet li jitolbu provvedimenti *interim* u *pendente lite*. Tali provvedimenti *interim* huma decizzjonijiet provvizorji li jipprospettaw illi jew kontestwalment jew fi zmien qasir jigu istitwiti proceduri gudizzjarji (kawza) ghal decizzjonijiet finali fuq il-vertenza li tista' tkun giet indirizzata u regolata b'mod temporanju bil-mezz ta' digrieti *pendente lite*.

5. Il-provvedimenti legali l-aktar rilevanti ghall-kawza odjerna huma s-segwenti:-

**Regolament 4 (13) tal-LS 12.20:-**

***"(13) Minghajr pregudizzju ghas-subregolament (11), kull parti tista' filwaqt li jkunu ghadhom ghaddejjin il-proceduri ta' konciljazzjoni, medjazzjoni, jew stadji ta' qabel jew matul is-smigh tal-kawza, titlob lill-Qorti taghti dawk l-ordnijiet provvizorji jew tiddekreta tali provvediment jew mandat skond ma jistghu jkunu mehtiega biex tikkawtela kull interess li jista' jkollha.***"

**Regolament 9 (6) tal-LS 12.20:-**

***"(6) Matul il-medjazzjoni kull wahda mill-partijiet tista' titlob lill-Qorti ghall-hrug ta' kull ordni provvizrju jew il-hrug ta' kull att jew mandat sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu jew taghha."***

**Artikolu 149 tal-Kapitolu 16**:-

***"B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel*."**

Dan l-artikolu huwa eku tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal li jipprovdi illi:-

*UN Convention on the Rights of the Child - Article 3:-*
***1. In all actions concerning children, whether undertaken by public or private social welfare institutions, courts of law, administrative authorities or legislative bodies, <u>the best interests of the child</u> shall be a priD consideration.***
**<u>L-ewwel zewg regolamenti citati jitrattaw drittijiet u interessi generali tal-partijiet, l-artikolu 149 jitratta biss l-interessi tal-minuri.</u>**

Ikkunsidrat;

In sostenn tal-azzjoni minnu istitwita, l-attur jiccita s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Novembru 2008 fl-ismijiet "**Francis Schembri vs Angelina sive Lina Schembri et**". Il-Qorti ser ticcita dik il-parti li fil-fehma taghha hija l-aktar rilevanti ghall-kawza odjerna:-

"………il-posizzjoni legali korretta hija, fil-fehma ta' din il-Qorti, is-segwenti. Meta jkun hemm proceduri ta' medjazzjoni, id-digrieti "ancillari" (i.e. dwar manteniment pendente lite, kura u kustodja tat-tfal pendente lite, min ghandu jibqa' jghix fid-dar matrimonjali pendente lite) jistghu jinghataw mhux biss meta l-process ta' medjazzjoni jkun ghadu ghaddej, izda anke wara li dak il-process ikun inghalaq u wara li jkun inghata d-digriet li bih, fost affarijiet ohra, il-parti li tkun baghtet l-ittra lir-registartur tigi awtorizzata li tipprocedi fil-kontenzjuz. Tali digrieti jistghu jibqghu jinghataw sa ma jiddekorri t-terminu msemmi fis-subartikolu (5) tal-Artikolu 37 tal-Kap. 16. Wara li jkun skada dak it-terminu – normalment ta' xahrejn, pero` jista' jkun itwal, jew ikun originarjament ta' xahrejn u wara jigi prorogat – <u>ma jkunux jistghu jinghataw aktar digrieti simili fl-atti ta' dik il-medjazzjoni partikolari</u>. (sottolinear ta' din il-Qorti). Bil-fatt, pero`, li jkun iddekorra l-imsemmi terminu, id-digrieti li jkunu nghataw precedentement ghad-dekors tal-imsemmi terminu ma jitilfux is-sahha taghhom bhala "ordnijiet tal-qorti" – l-unika haga li tigri wara li jiddekorri dak it-terminu hu, kif gustament osservat l-ewwel qorti, li jitilfu l-forza ta' titolu ezekuttiv li nghatalhom bis-subartikolu (4) tal-imsemmi Artikolu 37. L-istess jinghad ghal digrieti moghtija wara li jkun iddekorra t-terminu: dawn jibqghu "ordnijiet tal-qorti" sakemm ma jigux revokati jew dikjarati nulli minn qorti civili kompetenti. Hekk, per ezempju, digriet moghti fil-mori ta' proceduri ta' medjazzjoni ghall-hlas ta' manteniment pendente lite jibqa' jitqies bhala "ordni tal-qorti" ghall-finijiet ta' proceduri penali li talvolta jistghu jigu istitwiti skond id-disposizzjoni relattiva tal-Kodici Kriminali (Art. 338(z), Kap. 9), sakemm dak id-digriet ma jigix revokat mill-qorti kompetenti (normalment l-istess qorti ta' kompetenza civili li tkun emanat dak l-ordni) . Issa, fil-kaz in dizamina jirrizulta li wara t-28 ta' Jannar 2007 inghataw, fl-atti tal-ittra 86/2006, diversi digrieti, fosthom dawk tat-30 ta' Jannar 2007, tas-7 ta' Frar

2007 u tat-12 ta’ Frar 2007[2]. Il-qorti li tat dawn id-digrieti kellha, qabel xejn, tassigura ruhha li l-kawza fil-kontenzjuz, awtorizzata bid-digriet tat- 28 ta’ Novembru 2006, kienet infethet, biex b’hekk ikun sodisfatt il-vot tas-subregola (13) tar-regola 4 tal-A.L. 397/2003 li jezigi li jkunu bdew, wara l-proceduri ta’ konciljazzjoni jew medjazzjoni, il-“pre-trial or trial stages” fil-kontenzjuz. F’dan is-sens, ghalhekk, u fit-termini kif hawn fuq spjegat, l-appellant ghandu ragun dwar dana l-ilment.”

L-attur jissottometti illi in linea ma’ dak deciz f’dik is-sentenza, mal-iskadenza tat-terminu ta’ xahrejn mid-digriet tat-terminazzjoni tal-medjazzjoni l-Qorti giet ezawtorata milli tippronunzja digrieti *pendente lite*. Isostni ghalhekk l-attur illi gialadarba l-konvenuta naqset milli tistiwixxi l-kawza fi zmien xahrejn, kull digriet li tat il-Qorti tal-Familja wara dik id-data huwa null u bla effett fil-ligi.

Ikkunsidrat;

Fermi l-konsiderazzjonijiet fuq maghmula u applikati l-provvedimenti legali citati ghall-kaz in ezami, jirrizulta lil din il-Qorti illi d-digrieti li l-attur qed jitlob li jigu dikjarati nulli, filwaqt li inghataw fir-rigward ta’ rikors li kien gie pprezentat minn D C meta l-procedura ta’ medjazzjoni ta’ bejn il-partijiet kienet ghadha pendenti, fil-jum li inghataw il-proceduri ta’ medjazzjoni kienu ilhom aktar minn xahrejn maghluqa, it-terminu ghall-prezentata tal-kawza ma kienx gie prorogat u hadd mill-partijiet ma kien istitwixxa kawza. Regolament 4 (13) jipprovdi li tali rikorsi jistghu jigu pprezentati “***filwaqt li jkunu ghadhom ghaddejjin il-proceduri ta’ …. Medjazzjoni”,*** waqt li Regolament 9(6) jipprovdi illi kull parti tista’ titlob il-hrug ta’ ordnijiet provvizorji ***“Matul il-medjazzjoni”.***

Mhux kontestat bejn il-partijiet illi r-rikors ta’ D C tal-20 ta’ Jannar 2012 gie intavolat meta l-medjazzjoni ta’ bejn il-partijiet kienet pendenti.

Din il-Qorti tabraccja l-konsiderazzjonijiet u l-konkluzzjonijiet milhuqa u dikjarati mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fuq citata **Schembri vs Schembri.** Pero’, tenut kont li s-sentenza Schembri vs Schembri kienet titratta digrieti pendente lite mhux direttament dwar minuri izda fuq aspetti ohra tal-vertenza, din il-Qorti ser taghmel konsiderazzjonijiet li ma gewx indirizzati fis-sentenza citata mill-attur.

Ikkunsidrat;

**Bl-Introduzzjoni tal-Medjazzjoni is-Setghat tal-Qorti tal-Familja Sabiex Tipprotegi l-Interess Suprem tal-Minuri Ma Gewx Imxekkla.**

Il-promulgazzjoni tal-Ligi Sussidjara 12.20 fuq citata kienet intiza sabiex tirregola procedura gdida ta’ medjazzjoni fil-kamp tal-familja introdotta fil-ligijiet nostrani li qabel ma kenitx

[2] F’dan is-sens ukoll hija l-gurisprudenza kollha tal-**Qorti ta’ l-Appell Kriminali – ara, fost ohrajn, is-sentenza recensjuri Il-Pulizija v. Marco Attard,** App. Krim. 1/3/2004.

ezistenti fil-forma kif introdotta. Una volta l-process ta' medjazzjoni tal-familja kien qieghed essenzjalment jissostitwixxi dak il-process gudizzjarju li qabel kien ta' kompetenza tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili li kienet il-Qorti kompetenti ghall-hrug ta' digrieti provvizorji qabel ma kawza tal-familja tigi istitwita, kien necessarju illi tinholoq struttura legali sabiex tindirizzza r-realta' gudizzjarja gdida kif issa ezistenti.

Izda fil-fehma tal-Qorti, l-introduzzjoni tal-Ligi Sussidjara 12.20 ma gabx fix-xejn il-provvedimenti legali l-ohra kollha li kienu u baqghu jifformaw parti mill-kotba statutorji li jipprovdu dwar il-poteri tal-Qorti fejn si tratta tal-"INTERESS SUPREM TAL-MINURI". Per konsegwenza il-poter tal-Qorti tal-Familja li bis-sahha tal-**Artikolu 149 tal-Kapitolu 16** "………..***il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjetà ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel***." **ma kien u ma gie bl-ebda mod imxekkel, newtralizzat jew minimizzat bil-procedura tal-medjazzjoni tal-familja.**

Tant hu hekk illi spiss il-Qorti tal-Familja tigi mitluba li tiehu decizzjonijiet dwar l-ahjar interess tal-minuri meta la jkun hemm medjazzjoni ghaddejja u lanqas kawza. Tali talbiet hafna drabi jitresqu ghall-konsiderazzjoni u decizzjoni tal-Qorti bil-mezz tal-hekk imsejjah "Rikors Generali" liema decizzjonijiet ma jinghatawx bis-sahha tal-Ligi Sussidjarja 12.20 izda bis-sahha tal-Artikolu 149 tal-Kap. 16.

**Fil-fehma tal-Qorti l-Artikolu 149 in dizamina jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri idejn il-Qorti mhiex imxekkla b'regoli stretti ta' procedura. Difatti l-annotazzjoni fil-margni ghal dan l-artikolu li bl-Att XLVI tas-sena 1973 kien issostiwixxa artikolu iheor, jaqra kif gej: "Setgha tal-qorti li taghti ordnijiet minkejja disposizzjonijiet ohra". Hija ghalhekk tal-ferma konvizzjoni illi fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem ta' minuri, il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna u ma humiex imxekkla minn regoli ta' procedura rigoruza. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri anke jekk hadd mill-partijiet ma jkun ghamel talba fir-rigward**.

Rilevanti dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell Ingliz f'sentenza fl-ismijiet "**Newham London Borough vs AG** li kienet qed titratta l-ligi bl-isem **The Children Act 1988**: "Of course, the words of the statute must be considered, but I do not believe that Parliament intended them to be unduly restrictive when the evidence clearly indicates that a certain course should be taken in order to protect the child".[3]

**Il-Qorti tal-Familja Ghandha s-Setgha bis-sahha tal-Artikolu 149 tal-Kap. 16 li Taghti Provvedimenti fl-Interess Suprem tal-Minuri Anke meta mhux strettament mitlub mill-Partijiet.**

[3] [1993] 1 FLR 281 at 289, CA.

Id-digriet li permezz tieghu il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) diversament presjeduta illimitat il-frekwenza tal-access tal-missier u assoggettatu ghas-supervizzjoni tal-Agenzija Appogg, ma kienx digriet moghti strettament fuq talba ta' parti jew ohra, izda kienet mizura li din il-Qorti diversament presjeduta hasset li kien mehtieg li jinghata **b'urgenza** nonostante li hadd mill-partijiet ma kien ghamel talba simili. Dan qed jinghad ghaliex kif jirrizulta mill-atti, fir-rikors taghha D C kienet talbet biss in-nomina ta' espert gudizzjarju minghajr ma resqet l-ebda talba sabiex il-Qorti tvarja il-modalita' tal-access tal-missier.

Kif gie ddikjarat fis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla fis-27 ta' Gunju 2002 fl-ismijiet "**Melissa Micallef pro et noe vs Konrad Scotto**":

"……..f'certa kazijiet il-Qorti tista' tohrog barra mit-termini li jimpurtawlha l-partijiet fl-att tac-citazzjoni u fit-talbiet taghhom jekk l-interessi tal-minuri hekk jehtiegu".

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta,

**1. Tiddikjara illi bis-sahha tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kellha s-setgha li tippronunzja d-digrieti tat-3 ta' Ottubru 2012 u tas-26 ta' Gunju 2013 mertu tal-kawza odjerna nonostante li l-medjazzjoni kienet giet maghluqa u kienu ddekorrew aktar minn xahrejn mid-digriet tal-gheluq tal-medjazzjoni minghajr hadd mill-partijiet ma intavola kawza fil-mertu.**

**2. Konsegwentement tichad l-ewwel talba tal-attur.**

**3. Fir-rigward tal-kap tal-ispejjez il-Qorti qed tiddeciedi illi fic-cirkostanzi, tenut kont tan-novita' ta diversi punti trattati f'din il-kawza, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------